MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 439/2011

**Daytona Enterprises Limited u Profiles Hair Shop Limited**

**vs**

**John Zammit u Anna Zammit f’isimhom proprio u Finance Management & Consultancy Limited**

**Il-Qorti,**

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Ottubru 2012 fejn ix-xhud cioe rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT talab li ma jaghtix informazzjoni rikjesta f’tahrika ta’ xhieda mahruga fuq talba tal-konvenuti biex jaghtu informazzjoni relattiva ghas-socjetajiet attrici. Din it-talba saret ai termini tal-artikolu 56 tal-Kap. 406.

Ghal din it-talba opponew il-konvenuti li sottomettew illi kien qed isir kontroezami ta’ xhud prodott mill-istess atturi u illi l-informazzjoni rikjesta kienet necessarja ghal finijiet tad-difiza tieghu.

L-atturi fl-istess verbal ma tawx il-kunsens taghhom biex ix-xhud jaghti l-informazzjoni mitluba rigwardanti t-taxxa tal-VAT tal-imsemmija kumpaniji attrici.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi t-talbiet attrici huma msejsa fuq allegati nuqqasijiet professjonali tal-konvenuti jew min minnhom fis-servizzi professjonali ta’ accountancy u ohrajn relatati li l-konvenuti pprestaw lis-socjetajiet attrici u li konsegwenza ta’ dan sofrew multi u penali fost l-ohrajn konnessi ma’ pendenzi tal-VAT.

In sostenn tal-allegazzjonijeit taghhom is-socjetajiet attrici tellghu jixhed lil Roberto Formosa rapprezentant tal-VAT li ta’ rendikont ta’ dak dovut mis-socjetajiet attrici mid-dhul tal-ligi fl-1998 il-quddiem. Dan sehh fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2011.

L-istess xhud tharrek in kontroezami ghas-seduta tat-8 ta’ Otturbu 2012 mill-konvenuti w intalab igib mieghu l-’letters to prosecute’ tal-kumpaniji attrici kif ukoll ta’ Godfrey Saliba u Antoinette Saliba mill-1999 sallum u dokumentazzjoni relattiva u dokumentazzjoni dwar l-assessment tal-VAT pagabbli mis-socjeta attrici Daytona Enterprises Limited ghas-sena 1999 u proceduri li ttiehdu in konnessjoni ma’ tali assessment inkluz mandati u proceduri civili.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Attard et vs Anthony Attard et**, deciza fit-2 ta’ Lulju 2010 senjalata mid-difensur tad-Dipartiment tal-VAT, b’referenza ghal portata tal-artikolu 56 tal-Kap. 406. Dan l-artikolu ighid hekk:

56. (1) Hlief hekk kif jista' jenhtieg ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, jew meta l-Prim Ministru jordna mod iehor, kull persuna li jkollha xi dmir ufficcjali jew li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att g]andha tqis u tittratta kull dokument u taghrif li ghandu x'jaqsam ma' dan l-Att bhala sigriet u kunfidenzjali.

(2) Ebda persuna li tkun mahtura taht dan l-Att jew impjegata sabiex twettaq id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma ghandha tenhtieg li ggib quddiem xi qorti, tribunal, bord jew kumitat ta' inkjesta xi dokument jew li tikxef xi jaqa li tkun taf biha fit-twettiq ta' dmirijietha taht dan l-Att hlief b'dak il-mod li jista' jkun legalment mehtieg bil-ghan li jitwettqu fis-sehh id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew bil-ghan jew fil-waqt ta' xi appell maghmul skond dan l-Att jew prosekuzzjoni ghal xi reat kontra xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Il-Qorti tal-Appell fil-partijiet relevanti ghal din il-vertenza ikkummentat hekk:
Ghal kull buon fini pero` din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li l-appellant m'ghandux ragun fil-kontestazzjoni tieghu. L-appellant jikkontendi li hu prekluz mil-ligi milli jaghti nformazzjoni dwar pagatur tat-taxxa hlief f'dawk ilkazijiet fejn din l-informazzjoni tghin fit-twettieq taddisposizzjonijiet tal-Kap. 406 u rrefera senjatament ghall-Artikolu 56 (1) u (2) li jispecifikaw il-kazijiet fejn din l-informazzjoni tista' tinghata, u jghid li prova f'kawza civili ma tiffigurax f'wahda minnhom.

Din il-Qorti tirrileva li l-iskop ta' din il-ligi m'huwiex li jinholoq xi tempju ta' segretezza li hadd ma jista' jidhol fih. L-iskop tal-ligi hu l-protezzjoni tal-pagatur tat-taxxa u ssegretezza tal-informazzjoni moghtija minnhu. F'dan il-kaz hu l-istess tax payer li qed jitlob li jinghata informazzjoni mhux dwar xi terza persuna, imma taghrif dwarhu nnifsu, informazzjoni li l-ewwel Qorti ordnat lix-xhud kellu jgib il-Qorti. Din l-informazzjoni tirreferi ghall-pendenzi li l-attur stess ghandu mad-dipartiment u dwar hlasijiet li saru minnu kif ukoll informazzjoni ohra rigwardanti l-istess persuna registrata. Il-principju hu li fl-interess tal-gustizzja kull persuna kompetenti biex tixhed

tista’ tigi msejha u obligata li taghti l-informazzjoni mehtiega skond kif mitluba dwar fatti kif tafhom. Hija biss l-eccezzjoni li taghmel restrizzjonijiet b’mod specifiku f’kazijiet li jirrigwardaw is-sigriet professjonali u s-sigriet ratione officii. Hija biss interpretazzjoni teleologika li f’dan il-kaz taghmel sens.

Lanqas ma jista’ l-appellant jghid li prova f’kawza civili ma tissodisfax d-dettami tal-Artikolu 56 tal-Kap. 406. Fl-Appell **AB v. CD u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** tal-1 ta’ Dicembru 2000, gie deciz il-kuntrarju ta’ dak li qed isostni l-appellant. Il-Qorti qalet li sottomissjoni bhal din hija nsostenibbili billi l-appellant qed jippretendi li s-segretezza u l-konfidenzjalita` ufficjali mposta fuqu bil-ligi taghtih immunita` milli jigi prodott bhala xhud fi proceduri fejn id-Dipartiment ma jkunx parti. Il-Qorti sostniet li “Meta tinqala’ sitwazzjoni prospettata f’din il-parti tas-subinciz[1], ma jibqax l-ufficjal tad-Dipartiment l-arbitru li jiddetermina jekk ic-cirkostanzi kienux tali li kienu jesigu li jigi mahlul mis-segretezza ufficjali. Din id-decizjoni hi mhollija f’idejn il-Qorti, Tribunal, Bord jew Kumitat ta’ Inkjesta li jkun kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-mertu u bhala mizura tar-regolament tal-provi fil-process li jkun qed jigi kondott….. Fil-fehma tal-Qorti allura l-interpretezzjoni li kellha tinghata lil din il-parti tas-subinciz kellha tkun dik li l-aktar tiffavorixxi l-amministrazzjoni tal-gustizzja u l-inqas tillimita u tostakola l-ghoti ta’ provi fattwali mehtiega biex din tigi sewwa amministrata b’segretezza professjonali, specjalment f’kazijiet ta’ din ix-xorta, [u li] kienet ittendi ghall-protezzjoni tal-interessi tal-individwu u kellha allura tigi ristretta ghall-minimu necessarju biex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi”. Skond din is-sentenza “mkien mis-sub-inciz 2 tal-Artikolu 45 ma seta’ jigi argumentat illi l-kliem ‘hlief f’dak il-mod li jista’ jkun mehtieg bl-ghan li jitwettqu fis-sehh iddisposizzjonijiet ta’ dan l-Att’, kellu jirreferi limitatament u esklussivament ghall-proceduri li fihom id-Dipartiment tal-VAT kien parti”. Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

[1] L-Artikolu 45(2) tal-Att X11 tal-1994 hu l-istess wiehed dwar is-segretezza.

Kwantu ghas-sottomissjoni l-ohra tal-appellant li l-Artikolu 56 tal-Kap. 406 ma jaghti poter lil ebda persuna li ggieghel lill-Kummissarju jizvela l-informazzjoni kunfidenzjali dwarha in open court, din il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz, kif diga` nghad, hu l-istess pagatur li jrid u qed jawtorizza lill-Kummissarju li jizvela din l-informazzjoni kunfidenzjali fil-pubbliku u ghalhekk il-Kummissarju m'huwiex se jikser ebda segretezza.

Dan il-kaz jipprospetta pero xenarju differenti minn dak fil-kawza precitata. Fil-fatt meta xehed ir-rapprezentant tal-VAT fuq talba tat-taxpayer stess ma qamet ebda kwistjoni quddiem din il-Qorti. F'dan il-kaz l-oggezzjoni tqajmet ghax kienet il-kontroparti fl-istess kawza civili li qed titlob li taghmel il-kontroezami tal-istess xhud fejn qed jigi mitlub jaghti informazzjoni kif fuq premess.

Kif qalet il-Qort tal-Appell hi l-Qorti li tiddetermina jekk ic-cirkostanzi humiex tali li kienu jesigu li xhud tad-Dipartiment tal-VAT jigi mahlul mis-segretezza ufficjali.

F'dan il-kaz il-kompitu tal-Qorti f'dan ir-rigward hu kemmxejn agevolat mill-fatt stess li kien it-taxpayer innifsu li harrek lir-rapprezentant tal-VAT biex jixhed fuq fatti konnessi mat-taxxa tieghu u hu dritt tal-kontroparti li tikkontroezamina lill-istess xhud fuq il-fatti kollha li hargu mill-ezami u dan in sostenn tad-difiza taghha. Altrementi ma jkunx hemm parita ta' armi bejn il-partijiet u l-kontroparti jista' jigi svantaggat fil-protezzjoni tad-drittijiet tieghu. Il-Qorti tqis anzi illi l-fatt innifsu li l-istess socjetajiet attrici harrku bhala xhud taghhom id-Dipartiment tal-VAT, implicitament taw il-kunsens taghhom sabiex il-konvenuti jitolbu informazzjoni minghand l-istess xhud relatata max-xhieda moghtija mill-istess xhu fl-ambitu tar-regoli tal-ezami u kontroezami.

Peress illi x-xhud tad-Dipartiment tal-VAT xehed fuq il-pendenzi tas-socjetajiet attrici mill-1998 il-quddiem, hu lecitu ghall-konvenuti li jitolbu informazzjoni relatata ma' 'letters to prosecute' mill-1999 il-quddiem u dokumentazzjoni dwar l-assessment tas-socjeta Daytona Enterprises Limited ghas-sena 1999 u proceduri li ttiehdu

in konnessjoni ma' tali assessment. Din l-informazzjoni tista' tkun utili ghad-difiza tal-konvenuti liema informazzjoni tohrog direttament mix-xiehda ta' Roberto Formosa, ufficjal tal-VAT prodott mis-socjetajiet attrici.

Mhux l-istess jinghad ghal dik il-parti tal-ingunzjoni biex tinghata informazzjoni dwar Godrey u Antoinette konjugi Saliba peress li dawn mhuxiex parti in kawza u lanqas tohrog xi informazzjoni relatata ghalihom personalment in konnessjoni mat-talbiet mressqa mis-socjetajiet attrici jew l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u f'dan is-sens ghandu japplika l-artikolu 56.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li x-xhud Roberto Formosa jew rapprezentant iehor tal-VAT ghandu jixhed u jesebixxi dak mitlub mill-konvenuti fit-tahrika tal-14 ta' Settembru 2012 izda relattivament biss ghas-socjetajiet attrici u tichad in kwantu gie mitlub jaghti informazzjoni dwar il-konjugi Saliba personalment.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------